**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2025**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 509-2019 JVC**

**Carmel sive Charles Aquilina (ID529754M)) ghan-nom u fl-interess ta' bintu l-minuri Raquel Aquilina u**

**Bradley Aquilina (Passaport Ingliż bin-numru 1335442 u fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 Raquel Aquilina u Bradley Aquilina assumew l-atti f'isimhom.**

**Vs**

**Anthony Aquilina (ID 307246M), Marlene Debattista (ID 956050M) u Juliette Falzon (ID 388544M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu r-rikorrenti Carmel sive Charles Aquilina noe et talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti noe jigu hu l-intimati ahwa Aquilina, filwaqt illi r-rikorrenti Bradley Aquilina u Raquel Aquilina huma z-zewg uliedu;

2. Illi Paul Aquilina, missier l-esponenti noe u l-intimati, gie nieqes fil-21 ta' Frar 2007, kif jidher mic-certifikat tal-mewt tieghu li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A";

3. Illi skond ic-certifikat tat-testmenti pubblici kif ukoll dawk sigrieti li kopja taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati Dokumenti "B" u "C", il-wirt tieghu jinsab regolat skond testment unica charta maghmul ma' martu Josephine Aquilina u datat 19 ta' Ottubru 2000 fl-atti tan-Nutar John Spiteri, u kopja ta' l-istess qed jigu hawn annessi u mmarkati Dokumenti "D" u "E".

4. Illi in forza tal-istess testmenti, jirrizulta illi l-intimati huma l-eredi universali ta' missierhom il-mejjet Paul Aquilina, filwaqt lill-esponenti Charles Aquilina gie dizereditat;

5. Illi ghat-tenur tal-Artiklu 626 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jispetta favur ulied Charles Aquilina u cioe Bradley

Aquilina li ghad ghandu tmintax-il sena u lil Raquel Aquilina li ghadha minorenni s-sehem riservat skond il-ligi;

6. Illi minkejja illi l-intimat gew interpellata sabiex jersqu u jhallsu l-porzjoni riservata spettanti lil ulied Charles Aquilina, anke permezz ta' ittra ufficjali datata ta' 23 Frar 2017 li kopja legali taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "F" , dawn baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi, jekk inhu l-kaz illi jispetta favur ir-rikorrenti Bradyley Aquilina u favur Raquel Aquilina l-porzjoni riservata dovuta lilhom mill-wirt tan-nannu patern taghhom il-mejjet Paul Aquilina;

2. Tillikwida l-porzjoni riservata spettanti lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti, jekk hemm bzonn anke permezz tal-hatra ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-valur tal-proprjeta immobiljarji u tal-ghamara formanti parti mill-wirt ta' Paul Aquilina, u dana bhala kreditu tal-valur tas-sehem riservat;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti din is-somma li tigi hekk likwidata rapprezentanti l-porzjoni riservata hekk likwidata mill-wirt ta' Paul Aquilina.

Bl-ispjejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2017 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena kkalkolati mid-data tal-ftuh ta' successjoni sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati ngunti minn issa in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Anthony Aquilina, Marlene Debattista u Juliette Falzon li taqra kif isegwi:

'1.ILLI l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, ghaliex missier l-attur gia ppercepixxa oltre minn dak lilu spettanti kif stabbilit f'artikolu 616 tal Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana kif **dikjarat fit-testment tad-defunt Paul Aquilina[1] u martu Josephine Aquilina fejn inghad:**

> *"**...**huma hallew id-dar fejn joqoghdu lil tlieta biss minn uliedhom , **(l-intimati)** peress illi fl-1989 huma kienu diga' ghaddew il-garage li kellhom fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamangia, li binhom l-iehor Carmel-Paul maghruf Charles Aquilina; u ghalhekk dan tal-ahhar diga' bbenifika sostanzjalment minn proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lit-testaturi";*

**ILLI** aktar minn hekk, permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli[2] gia konfermat illi dak dikjarat fl-artikolu sopra citat kien verament il-kaz meta inghad:

> *Madankollu huwa evidenti li l-genituri tieghu **(b'referenza ghal missier ir-rikorrenti**) kienu qiesu li minkejja l-flus tal-kera li kien qed johrog l-attur in konnessjoni mal-akkwist tal-garaxx, xorta gie li huwa "ibbenefika sostanzjalment ". (Ovvjament dan ghaliex tul is-snin il-valur tas-LM 70 kull tliet xhur dejjem kien qed jonqos, filwaqt li l-valur tal-garaxx dejjem ikun qed jizdied, specjalment wara li gue ivvakat mill-inkwilin, anke jekk l-istess attur kellu jhallas rigal ghal dan l-iskop.) Jidher li kien ghalhekk allura **li l-konjugi Aquilina qiesu li kien diga ha s-sehem tieghu mill-proprjeta' immobbli li kellhom.**[3]u li allura ma kellux ukoll ikollu sehem mid-dar matrimonjali, li kienet l-unika proprjeta' immobbli li kien ghad fadlilhom.*

[1] Dan in atti tan_nutar Dr. Mario Felice datat 19 ta' Ottubru 200-ir-raba artikolu
[2] Prim Awla Carmel sive Charles Aquilina vs Anthony Aquilina 14.12.18 (Mhux Appellata)
[3] Sottolinear ta' l-esponenti

**2. ILLI** minghajr pregudizzju ghas-suespost u fl-eventwalita' li t-talbiet attrici jigu akkolti, a tenur ta' artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-imghaxijiet ma ghandhomx jigu mizjuda mid-data tal-ftuh tas-successjoni jew is-sehem rizervat qed jintalab aktar minn sentejn wara l-ftuh tas-successjoni, izda mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju peress li t-talba saret hafna wara li ghadda dak il-perjodu ta' sentejn.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.'

Rat l-affidavits, xhieda, ċertifikati, ricerki testamentarji, testmenti, kopja ta' ittra uffiċjali, kuntratt, statements, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esibiti u mressqa fl-atti;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech a fol. 65 sa fol. 76 tal-proċess dwar il-valur tal-immobbli ossija id-dar bin-numru 27, Sinai, Triq George Sciberras, Ħamrun (Malta);

Rat l-atti kollha tal-proċess bir-rikors numru 904/2011 JA fl-ismijiet *Carmel sive Charles Aquilina vs Anthony Aquilina et* u s-sentenza tal-istess kawża deċiża fl-14 ta` Diċembru 2018;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 Raquel Aquilina u Bradley Aquilina assumew l-atti f'isimhom u ordnat l-annotazzjoni fl-okkju;

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Frar, 2024 ir-rikors ġie differit ghal-lum għad-deċiżjoni bil-fakultà tal-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esibiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

**Fatti fil-qosor:**

Illi, fil-każ odjern rikorrenti (Bradley Aquilina u Raquel Aquilina) huma ulied Carmel sive Charles Aquilina kif ukoll in-neputijiet tad-defunt Paul Aquilina li miet fil-wieħed u għoxrin (21) t`Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

Illi, jirrizulta li d-defunt Paul Aquilina kellu żewġt testmenti, wieħed *unica charta* magħmul ma llum defunta martu, cioe' Josephine Aquilina, ppublikat in atti tan-nutar Dottor Mario Felice liema testment huwa datat nhar id-dsatax (19) t`Ottubru tas-sena elfejn (2000) u sussegwentement testment ieħor, cioe dak ppublikat in atti tan-nutar Dottor Mario Felice datat nhar id-disgħa (09) t` Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Illi jirriżulta li fit-testment *unica charta,* cioe dak datat nhar id-dsatax (19) t`Ottubru tas-sena elfejn (2000), it-testaturi fir-raba' artikolu ddikjaraw kif isegwi:

*'Ghal kull buon fini t-testaturi jiddikjaraw li huma ħallew id-dar fejn joqogħdu lil tlieta biss minn uliedhom peress illi fl-elf disa` mija disgħa u tmenin (1989) huma kienu diġà għaddew il-garage li kellhom fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, li binhom l-ieħor Carmel-Paul magħruf Charles Aquilina; u għalhekk dan tal-aħħar diġà ibbenifika sostanzjalment minn proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lit-testaturi.'*

Illi jirrizulta wkoll li skont l-aħħar testment ta` Paul Aquilina, cioe dak datat nhar id-disgħa (09) t` Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), fl-ewwel artikolu saret is-segwenti dikjarazzjoni *'it-testatur qiegħed jidezeredita' lill ibnu Carmel-Paul sive Charles Aquilina, u dana peress li*

*skond kif tipprovdi l-liġi l-istess ibnu ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment tat-testatur u wera moħqrija lejh.'*[4]

Illi, konsegwentement ir-rikorrenti, qua d-dixxendenti ta` Carmel sive Charles Aquilina, intavolaw ittra uffiċjali bin-numru tal-att 722/2017 datata nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u sussegwentement nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t`Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) intavolaw il-proċedura odjerna għas-sehem spettanti lilhom ossija sehem riservat.

Illi, l-kontestazzjoni ta` l-intimati hija dwar jekk d-dixxendenti ta` Carmel sive Charles Aquilina għandhomx dritt għal-porzjon riservat u jekk għandhom dan id-dritt hux ser jitnaqqas l-ammont relatat mal-garaxx fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamanġa, u dan stante li skont l-intimati l-kuntratt ta` bejgħ kien fil-verità xejn għajr donazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, *l-punto di* partenza f`dan il-każ huwa li l-Qorti trid tagħmilha tiċċara li mhux ser tistħarreġ jew tissindika d-deċiżjoni din l-istess Qorti kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet *Carmel sive Charles Aquilina vs Anthony Aquilina et* bin-numru 904/11 JA. Il-partijiet kellhom l-opportunita, sabiex jekk ma qablux mad-deċiżjoni tagħha, jutilizzaw dawk ir-rimedji kontemplati fil-ligi qabel ssir *res judicata.* Detto dan kollu din l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha tal-proċess 904/11 JA u s-sentenza tal-istess datata 14 ta` Diċembru 2018.

**Ikkunsidrat:**

[4] ara testament ai fol 12 tal-process.

Illi, fil-mertu l-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina dak li hemm fit-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet imressqa mil-intimati fl-atti tal-kawża odjerna.

Illi, tista' tgħid li mil-atti l-partijiet jaqblu li effettivament id-defunt Paul Aquilina ddisereda lil ibnu Carmel sive Charles Aquilina, cioe missier ir-rikorrenti, kif del resto huwa evidenti mit-testment datat nhar id-disgħa (09) t` Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), saret is-segwenti dikjarazzjoni *'it-testatur qiegħed jidezeredita' lill ibnu Carmel-Paul sive Charles Aquilina, u dana peress li skond kif tipprovdi l-liġi l-istess ibnu ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment tat-testatur u wera moħqrija lejh'*.

Illi l-Qorti rat li dan il-fatt qatt ma kien ikkontestat, u saħansitra l-intimati ma eċċepew xejn jekk ir-rikorrenti qua dixxendenti ta` Carmel sive Charles Aquilina ma humiex intitolati sabiex jieħdu dak li kien jispetta lil missierhom kieku ma kienx għad-diseredazzjoni (cioe s-sehem riservata) kif kontemplat fis-sub-artikolu 1 ta` l-artikolu 626 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta) li jgħid hekk:

*'Jekk dak li jiġi diżeredat ikollu wliedu jew dixxendenti oħra, is-sehem riżervat li huwa jitlef, imiss lilhom'*.

Għalhekk, il-Qorti mhux ser tagħmel referenza, (jew tidhol fil-mertu jekk ir-rikorrenti għandhomx ikunu konsidrati wliedu jew dixxendenti tad-diżeredat), għal dak lil jirrigwarda l-istitut li jikkonċerna d-diżeredazzjoni għax dan ikun eżerċizzju akkademiku u xejn aktar.

**Ikkunsidrat ulterjorment fil-mertu:**

Illi, l-intimati jisħqu li Carmel sive Charles Aquilina kien gia bbenefika sostanzjalment mill-patrimonju tal-ġenituri tiegħu stante

d-dikjarazzjoni magħmula fit-testment *unica charta,* cioe dak datat nhar id-dsatax (19) t\`Ottubru tas-sena elfejn (2000), b'hekk dan għandu jirrifletti f'dak dovut lir-rikorrenti.

Illi, ma jirriżultax la mill-atti tal-proċeduri *de quo* u l-anqas mill-proċess bin-numri 904/2011 JA u wisq aktar mis-sentenza datata 14 ta\` Diċembru 2018 ta\` din l-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet *Carmel sive Charles Aquilina vs Anthony Aquilina et*, li l-intimati jew l-antekawża tagħhom, cioe' Paul Aquilina, attakkaw il-kuntratt ta\` bejgħ li bih Carmel sive Charles Aquilina akkwista (tramite ħuħ Anthony Aquilina li kien qed jaġixxi għan-nom ta\` Carmel sive Charles Aquilina permezz ta\` prokura ġenerali u dak kif del resto jirrizulta mix-xhieda datata nhar it-02 t\`Mejju 2012 fil-kawża bin-numri 904/2011 JA – ara fol. 63 et seq) il-garaxx fit-Triq Pietru Pawl Xuereb Gwardamanġa, liema garaxx kien bla numru iżda msemmi mil-inkwilini bħala 'Budget Rent-a-Car'.

Illi, kieku kien hemm xi sinjal li l-kuntratt ta\` bejgħ li biħ Carmel sive Charles Aquilina akkwista l-garaxx mingħand missieru, cioe' d-decujus Paul Aquilina, kien dak ta\` simulazzjoni l-partijiet setgħu jipproċedu sabiex jattakkaw l-istess kuntratt entro t-terminu stabbilit mil-liġi, xi ħaġa li l-ebda parti ma għamlet.

Illi, din il-Qorti tagħmel referenza tal-kunsiderazzjoni tagħha stess fis-sentenza datata 14 ta\` Diċembru 2018 (kif diversament preseduta) bin-numri 904/2011 JA fl-ismijiet *Carmel sive Charles Aquilina vs Anthony Aquilina et* fejn saħqet is-segwenti:

> *'Iqum però l-argument illi anke kieku wieħed kellu joqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenuti, u ċjoe' li biex l-attur akkwista l-garaxx mingħand missieru ma għaddihielu l-ebda somma flus in linea ta' prezz, iżda kien minflok jgħaddilu Lm70 kull tliet xhur tul ħajtu, jiġi li f'kwalunkwe każ xorta ma kienx qed jakkwista l-garaxx "gratwitament". Fil-fatt din il-qorti tosserva*

*li sad-data li fih sar it-testment unica charta jiġi li diġa kien ħallas 48-il pagament ta' Lm70 il-wieħed (u ċjoe' Lm3,360) in linea ta' kera.'*

Għalhekk, din il-Qorti mhux ser tikkunsidra l-garaxx fit-Triq Pietru Pawl Xuereb Gwardamanġa li għandu b`xi mod ikun inkluż fil-komputazzjoni ta` l-assi ereditarji ta` Paul Aquilina u b`hekk ser tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta` l-intimati relatata ma` l-artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta).

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Paul Aquilina u ħlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti:**

Illi, kif sottomess aktar 'il fuq Paul Aquilina ġie nieqes fil-wieħed u għoxrin (21) t`Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u għalhekk japplikaw ghall-kawża odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi, d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-liġi favur id-dixxendenti tad-decujus (f`dan il-każ ulied Carmel sive Charles Aquilina) cioe r-rikorrenti.

Illi, l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

*'615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi*

*żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan- notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

*616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'*

Illi, għal dak li għandu x'jaqsam liema data għandha tiġi ikkunsidrata għal komputazzjoni tal-valutazzjoni tal-eredita tad-decujus Paul Aquilina din il-Qorti ser tqis valur tal-proprjeta' għandu ikun dak taż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni cioe' fil-wieħed u għoxrin (21) t`Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

**Assi ereditarji tad-decujus Paul Aquilina:**

Illi, jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Paul Aquilina mad-data tal-mewt tiegħu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**Immobbli:**

L-immobbli li jirrizulta mit-testment tad-decujus Paul Aquilina primarjament dak magħmul martu, cioe Josephine Aquilina, cioe' l-*unica charta,* ppublikat in atti tan-nutar Dottor Mario Felice datat nhar id-dsatax (19) t`Ottubru tas-sena elfejn (2000), a fol. 10 *et seq* tal-proċess, fejn tissemma d-dar bin-numru 27, Sinai, Triq George Sciberras, Ħamrun (Malta) li fir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech a fol. 65 sa fol. 76 tal-proċess attribwixxa li l-valur li kellha l-propjetà fi Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kien dak ta` mija u għoxrin elf euro (€120,000).

Illi, nonostante li minkejja li fiż-żewġt testmenti tad-decujus Paul Aquilina ma kienx hemm ebda referenza għall-qabar li kien akkwista d-decujus ġiet ippreżentata dikjarazzjoni a fol. 129 li tagħmel referenza ghal-qabar ta` Paul Aquilina bin-numru 32, Diviżjoni Lvant, Sezzjoni MA, Kompartiment J. Din id-dikjarazzjoni ma kellhiex referenza ghall valur tal-qabar in kwestjoni, nonostante dan fil-verbal tas-seduta tat-08 ta' Novembru 2023 il-partijiet qablu fuq il-valur ta` tmin t`elef euro (€8,000) ara verbal a fol. 148 tal-proċess.

**Flus il-bank:**

Illi, mix-xhieda kien evidenti li d-decujus Paul Aquilina kellu kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 085-063519-001 li mad-data tal-mewt tiegħu Paul Aquilina kellu depositati l-ammont ta' €79.80 (ara statement a fol. 47 tal-proċess).

**Mobbli:**

Illi, nonostante li fix-xhieda bl-affidavit ai fol. 85 Charles Aquilina stqarr li kien hemm bosta mobbli fid-dar tad-decujus dan naqas milli jikwantifika l-ammont li kien qed jattribwixxi bħala valur ghall dawk il-mobbli u ma tessqux provi ohra. Għalhekk il-Qorti hija fl-impossibilta li tagħti valur lil dawn l-allegati mobbli.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

Immobbli - €64,000 (nofs il-valura tal-immobbli) +

Flus - €79.80

<u>**Total - €64,079.80**</u>

Gialadarba missier ir-rikorrenti u l-intimati kellu erbgħa ulied ai termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sehem ir-rikorrenti bħala porzjon riservat huwa dak ta' dodiċezima parti (1/12) u cioe' ħames t`elef tliet mija disgħa u tletin euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€5,339.98).

**Imgħax:**

Illi, l-kwistjoni tal-imghax hija ukoll materja kontestata mill-intimati fil-proceduri odjerni. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu li jkun ingust li jigi akkordat xi mghax fuq is-somma stante li skont l-istess intimati dan si tratta sitwazzjoni fejn missier Carmel sive Charles Aquilina kien diżereditat stante li huwa ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment tat-testatur u wera moħqrija lejh. Jippuntwalizzaw ukoll li l-liġi nostrana tagħti mano libera lill-Qorti meta tiġi biex tikkontempla l-imgħax dovut o meno.

Illi, r-rikorrenti fir-rikors promotur talbu li jitħallsu l-imgħaxijiet fuq is-sehem riservat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni bir-rata ta` ħamsa fil-mija (5%). Il-Qorti rat iżda fin-nota ta` sottomissjonijiet tagħhom ippreżentaw konteggi differenti. Fl-ewwel lok ir-rata tal-imgħaxijiet ma hiex dik li talbu fir-rikors promotur, stante li fin-nota ta` sottomissjonijiet qed jippretendu li din il-Qorti tmur oltre dak mitlub u cioe li takkorda l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%).

Illi, fit-tieni lok ir-rikorrenti nterpellaw lill-intimati għall-ewwel darba permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru tal-att 722/2017 datata nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) cioe' għaxar snin wara li miet Paul Aquilina.

Illi, l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiprovdi li jekk l-imgħax ma jintalabx fi żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju. Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> *'(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'*

Jirrizulta mill-kopja tal-ittra uffiċjali ai fol. 14 tal-proċess li r-rikorrenti (dak iż-żmien tramite missierhom stante li entrambi kienu minuri) preżentaw l-ittra uffiċjali nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), mibgħuta lit-tliet werrieta universali, li ġiet notifikata lil l-intimati, bl-aħħar wieħed minnhom ikun notifikat fis-sitta (6) ta` Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt ta' nannuhom Paul Aquilina li kien miet fil-wieħed u għoxrin (21) t`Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

Ikkunsidrat x'tiddisponi l-liġi l-Qorti tqis li r-rikorrenti għandhom l-jedd ghall-imgħax legali fuq il-kreditu tagħhom likwidat aktar il-quddiem mid-data tal-intavolar tal-ittra uffiċjali bin-numru tal-att 722/2017. Iżda stante li t-talba fir-rikors ġuramentat kienet bir-rata ta` ħamsa fil-mija (5%) il-Qorti ser takkorda dik ir-rata kif mitluba applikabbli mid-data indikata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti Bradley Aquilina u Raquel Aquilina huma intitolati ghall-porzjon riżervat mill-wirt tan-nannu patern tagħhom il-mejjet Paul Aquilina;.

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-porzjon riservat spettanti lir-rikorrenti skont dak li jirrizulta mill-komputazzjonijiet magħmula aktar il' fuq f'din id-deċiżjoni fis-somma ta' ħames t`elef tliet mija disgħa u tletin euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€5,339.98) bejniethom;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata ta' ħames t`elef tliet mija disgħa u tletin euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€5,339.98) rappreżentanti l-valur tal-porzjon riżervat spettanti lir-rikorrenti mill-wirt tan-nannu patern tagħhom il-mejjet Paul Aquilina.

Bl-ispejjeż kollha kif mitluba, inkluż dawk ta` l-ittra uffiċjali bin-numru tal-att 722/2017 a karigu tal-intimati u bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta` ħamsa fil-mija (5%) mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Jannar, 2025**